MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 745/2004

**Vladimir Malikov u Irina Malikov**

**vs**

**Generoso Grech u b'digriet moghti mit-Tribunal fil-11 ta' Lulju, 2007 gie nominat Dr Renzo Porzella Flores sabiex jirraprezenta d-decujus u Errol Farrugia**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li jithallsu s-somma ta' elf, disa' mija tnejn u tmenin ewro u tmienja u tmenin centezmi (€1982.88) gja` Lm851.25 hsarat subiti fil-vettura Mercedes LTD 007 fis-6 ta' Frar, 2004 ghal habta tad-8.45p.m., li kienet ipparkjata fir-residenza taghhom Zabbar. Mid-dar, l-atturi semghu hoss kbir, hargu u sabu li l-vettura AAJ 621 dahlet fil-vettura taghhom waqt li din kienet ipparkjata u kkagunatilhom danni sostanzjali. Illi l-vettura AAJ 621 hija ta' proprjeta' ta' Generoso Grech u kien qed isuqha Errol Farrugia.

Meta giet avvicinata s-socjeta' assikuratrici tal-vettura AAJ 621, dina rrifjutat li thallas ghaliex il-polza li kienet tkopri l-istess vettura ma kienx qed isuqha driver ta' izjed minn 25 sena. Errol Farrugia dak iz-zmien kellu 21 sena.

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu, ukoll b'ittra ufficjali, izda baqghu inadempjenti.

Qieghdin jigu ezebiti diversi kopji ta' dokumenti li jiggustifikaw is-somma mitluba ta' Lm851.25, oltre l-interessi legali u l-ispejjez tal-prezenti procedura.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepixxew 1) illi Generoso Grech m`ghandux jinzamm solidalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta` Frar, 2004 gewwa Haz-Zabbar bejn il-vettura tal-atturi bin-numru ta` registrazzjoni LTD 007 u l-vettura misjuqa mill-konvenut Errol Farrugia bin-numru ta` registrazzjoni AAJ 621 u ghandu jigi llibberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li l-konvenut Errol Farrugia uza l-vettura proprjeta` ta` Generoso Grech minghajr il-kunsens tieghu u inoltre Errol Farrugia huwa maggorenni u ghalhekk huwa unikament responsabbli ghall-azzjonijiet tieghu.

2. Illi l-konvenut Errol Farrugia jammetti r-responsabbilita` ghall-incident awtomobilistiku filwaqt li jikkontesta l-ammont tad-danni mitlubaq stante li dawn huma eccessivi ghar-ragunijiet segwenti:

i. illi l-ammont ta` Lm123 mitlub mill-atturi fil-konfront tal-konvenuti jew min minnhom ma hux dovuti stante li tali spejjez huma mahruga fil-konfront ta` Irina Malikova u mhux fil-konfront tal-konvenut jew min minnhom, kif jidher mid-Dok. M5, u ghaldaqstant il-konvenuti jew min minnhom qatt ma setghu jikkontestaw tali proceduri.

ii. illi l-ittra ufficjali Dok. M6 giet erronjament prezentata mill-atturi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u ghalhekk l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-atturi u kif ukoll tali taxxa hija inkorretta.

iii. illi l-ammont mitlub huwa inkorrett stante li l-atturi talbu l-ammont ta` Lm25 ghal zewg parts li effettivament kienu u ghadhom ma gewx akkwistati mill-atturi.

3. illi l-ispejjez ta` din il-procedura u tal-mandat ta` qbid kawtelatorju numru 626/04 ghandhom jigu ssopportati mill-atturi peress li l-konvenut Errol Farrugia qabel ma giet prezentata din il-kawza wera li huwa kien dispost li jhallas l-ammont mitlub in linja ta` danni sofferti fil-vettura LTD 007 proprjeta` tal-atturi filwaqt li huwa dejjem ikkontesta l-ammont ta` Lm123 rapprezentanti spejjes extra gudizzjarji u kif ukoll l-ammont ta` Lm65 rapprezentanti t-taxxa tal-ittra ufficjali tal-15 ta` Frar, 2004. Inoltre il-pagament ma sarx immedjatament mill-konvenut Errol Farrugia peress li mill-bidu nett tan-negozjati bejn il-partijiet l-atturi ttentaw jabbuzaw mill-konvenuti jew min minnhom stante li l-atturi dejjem sostnew li kienu qed juzaw parts originali ghar-ripristinar tal-vettura taghhom u kien wara li l-konvenut baghat sureyor *ex parte* li ikkonferma li l-*parts* utillizati kienu *second-hand*.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda prodotta fil-kawza.

IKKUNSIDRA

Illi mill-provi jirrizulta illi dan huwa kaz fejn il-vettura LTD 007, apparteneti lil atturi kienet involuta f'incident awtomoblistiku. Jirrizulta illi vettura appartenenti lil konvenut Generoso Grech misjuqa minn Errol Farrugia habtet ma` l-vettura LTD 007 li kienet ipparkjata wara l-bieb tal-atturi.

Illi fl-eccezzjonijiet il-konvenut ammetta r-responsabilita' ghall-incident izda kien qed jikkontesta l-ammont ta` l-ispejjez legali u gudizzjarji li jifformaw parti mit-talba.

Mix-xhieda gie rilevat illi l-konvenut Errol Farrugia dejjem kien dispost ihallas l-ispejjez tal-hsarat fil-vettura izda

baqa' jikkontesta Lm123 tal-ispejjez extra gudizzjarji kif ukoll Lm65 rapprezentanti taxxa ta` l-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar, 2004.

Illi fil-mori tal-kawza miet il-konvenut Generoso Grech u fil-11 ta' Lulju, 2007 intlaqet talba mit-Tribunal ghan-nomina ta' kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-assi tad-*decujus* u gie nominat Dr Renzo Porzella Flores.

Illi ghalkemm it-Tribunal qatt ma rnexxilu jisma' il-kontro ezami tal-konvenut Generoso Grech,  illum mejjet ha jistrieh fuq l-affidavit li kien ghamel xi zmien qabel.

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut Errol Farrugia mhijiex dwar l-ispejjez tal-hsarat fil-vettura, izda ghall-ispejjez l-ohra mitluba.

Illi t-Tribunal jirrilleva illi t-talba ta` l-atturi fis-somma ta' Lm851.25 kellha tkun gustifikata bid-dokumenti ezebiti ma` l-avviz. Illi d-dokumenti ma` l-avviz jinkludu ittra mis-socjeta' assikuratrici American Home Insurance Company lil Generoso Grech, 'motor survey report' taxxa gudizzjarja ghal prestazzjoni ta' servizzi rezi mid-difensur lil Irina Malikov, zewg ricevuti mahruga f'isem Dr Ragonesi ghal *spray painting u panel beating* u zewg *invoices*  fl-ammont komplessiv ta' Lm350.15 u kopja ta' ittra mibghuta lill-konvenuti datata 12 ta' Marzu, 2004. Illi t-Tribunal jirrilleva illi t-taxxa tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Frar, 2004 kif ukoll kopja ta' l-ittra ufficjali originali kif prezentata ma gietx ezebita mad-dokumenti tat-talba, izda kienet giet ezebita fotokopja ta' abbozz ta' ittra ufficjali wara li nbdew jinstemghu l-provi.

Illi t-Tribunal jirrilleva illi l-incident *de quo* kien sehh fis- 6 ta' Frar, 2004 u disat ijiem wara l-atturi baghatu ittra ufficjali lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-hlas u likwidazzjoni tad-danni meta dawn sa dak inhar kellhom biss l-istimi f'idejhom. Illi t-Tribunal jirritjeni illi sa dik il-gurnata t-tiswijiet l-anqas ma kienu ghadhom saru u jqies illi tali ittra ufficjali kienet intempestiva.

Illi minn analazi tax-xhieda prodotta kif ukoll wara analizi profonda ta' kull dokument ezebit, it-Tribunal jirritjeni illi fil-waqt illi l-konvenut kuratur nominat sabiex jirraprezenta l-eredi Generoso Grech ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, il-konvenut Errol Farrugia fuq ammmissjoni tieghu ta' responsabilita' ghad-danni fuq il-vettura LTD 007 ghandu jhallas kif dejjem irritjena tramite d-difensur tieghu, ghall-ispejjez limitatament ghad-danni fuq il-vettura. It-Tribunal jirritjeni illi d-danni fuq il-vettura jammontaw ghal Lm636.75.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-incident sehh fis-6 ta' Frar, 2006. Illi l-atturi baghatu *breakdown* ta` l-ispejjez dovuti permezz ta' ittra legali fit-12 ta' Marzu, 2004. Din l-ittra kienet intbaghtet wara li l-vettura ssewwiet u kwazi xahar wara li kienet intbaghtet l-ittra ufficjali.

Illi b'sens ta' gustizzja u ekwita' u wara li kkunsidra l-kaz profondament, it-Tribunal huwa konvint illi id-defunt Generoso Grech illum rapprezentat mill-kuratur deputat Dr Renzo Porzella Flores ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju w illi l-konvenut Errol Farrugia ghandu jbati ghall-ispejjez limitatament ghad-danni tal-vettura. It-Tribunal huwa tal-fehma li Errol Farrugia m'ghandux ibaghti spejjez oltre.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici *in parte* u jikkundanna lill-konvenut Errol Farrugia ihallas fis-somma ridotta ta' elf, erba' mija, tlieta u tmenin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmi (€1483.23) gja` Lm636.75 bl-imghax mid-data tas-sentenza sa l-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tlett kwarti ghall-attur u kwart ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------